**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 323/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Omar Zammit)**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs**

**Twanny Buttigieg**

**Illum, 22 ta' Frar, 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-6 ta' Settembru 2023 fil-konfront ta' **Twanny BUTTIGIEG**, ta' 41 sena, iben Spiridione Buttigieg u Carmen xebba Vella, imwieled Pieta` nhar il-5 ta' Marzu 1982, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 152182(M) u residenti fil-fond 125, Flat 2, Triq l-Assedju l-Kbir, Tarxien, li ġie mixli talli:

Bejn it-30 ta' Novembru 2022 u t-18 ta' Marzu 2023, f'diversi ħinijiet f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1) Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u/jew psikoloġika u jew sfurzar, sabiex iġiegħel lil Lianne Camilleri, persuna li kienet f'relazzjoni miegħu u li għandhom trabi komuni, tagħmel, tħalli ssir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-istess Lianne Camilleri jew jiżola lill-istess Lianne Camilleri jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg u dan bi ksur tal-Artikoli 251(1), 251H, 251HA u 202 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2) Ikkawża lil Lianne Camilleri, persuna li kienet f'relazzjoni miegħu u li għandhom trabi komuni, biza' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha u dan laħaq il-mira tiegħu u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3), 222(1)(a) u 202(h)(iv) u 202(vi) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

3) Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Lianne Camilleri, persuna li kienet f'relazzjoni miegħu u li għandhom trabi komuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a), 222(1) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

4) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan huwa ta' fastidju għal Lianne Camilleri, persuna li kienet f'relazzjoni miegħu u li għandhom trabi komuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(b), 222(1) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

5) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel inġurji u theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Lianne Camilleri u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Twanny Buttigieg għall-benefiċċju ta' Lianne Camilleri u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta` ta' Lianne Camilleri u f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna Ordni ta' Trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

(1) Wara li rat l-Artikoli 18, 251(1) u (2), 251H(a) u (b), 251HA, 202(h)(iv) u (vi), 251(3), 222(1)(a), 202(h)(iv) u (vi), 251A(1)(a) u (b), 202(1)(a) u 202(h)(iv) u (vi) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat (illum l-appellant) ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu.

(2) Tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikkundannatu għal piena karċerarja ta' tlett snin u nofs priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri biss.

(3) Ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet fil-konfront tal-ħati Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurta` ta' Lianne Camilleri. Din l-Ordni ta' Trażżin inħarġet għall-perjodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data tal-iskadenza jew maħfra tal-piena. L-istess Ordni ġiet imposta taħt it-termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-Ordni ta' Trażżin annessa mas-sentenza u kellha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

(4) Il-Qorti ordnat li kopja ta' l-Ordni ta' Trażżin tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant Twanny BUTTIGIEG appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex:

"*a. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom skond il-liġi.*

*b. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.*"

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar it-18 ta' Marzu 2023, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu (6:00 a.m.), il-*parte civile* Lianne Camilleri għamlet rapport ġewwa d-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika tal-Pulizija fil-konfront tal-appellant. Dan kien it-tielet rapport ta' Camilleri fil-konfront tal-istess appellant. Jirriżulta illi fil-passat, il-*parte civile* u l-appellant kellhom relazzjoni bejniethom, mil-liema relazzjoni twieldu tlett itfal, li jgħixu mal-*parte civile* u illi fiż-żmien tal-każ kellhom għoxrin sena, tnax-il sena u għaxar snin rispettivament. Din ir-relazzjoni ntemmet madwar ħames snin qabel. Jirriżulta in oltre illi dakinhar tat-18 ta' Marzu 2023, il-*parte civile* rrapportat illi xi żmien qabel, ħarġet tiekol ma' ħabib tagħha, u hekk kif l-appellant sar jaf b'dan, mis-16 ta' Marzu 2023 'il quddiem, dan beda jċemplilha, jheddidha u jitlobha l-flus. Il-*parte civile* qalet ukoll illi l-appellant kellu l-vizzju tad-droga.

5. Lianne Camilleri irrapportat ukoll illi dakinhar tat-18 ta' Marzu 2023, għall-ħabta tat-tlieta u kwart ta' filgħodu (3.15 a.m.) ossia ftit tal-ħin qabel għamlet ir-rapport, l-appellant mar wara l-bieb tar-residenza tagħha u

ċemplilha tliet darbiet. Hija ċemplet lill-Pulizija għall-assistenza, iżda sakemm waslu fuq il-post, l-appellant laħaq telaq. Dakinhar tat-18 ta' Marzu 2023, wara nofsinhar, il-*parte civile* reġgħet ċemplet kemm ġewwa d-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika, kif ukoll fil-*Control Room* tal-Pulizija u dan stante illi l-appellant baqa' jċemplilha. Hija stqarret illi tant kienet qed tibża' minnu illi lanqas kienet qed tmur xogħol u kienet qed toħroġ biss mir-residenza tagħha sabiex tieħu t-tfal l-iskola.

6. Jirriżulta wkoll illi l-għada tar-rapport tagħha, il-*parte civile* għaddiet lill-Pulizija tliet *recordings* ta' telefonati, li skont hi saru lilha mill-appellant, u li fihom jinstema' tgħajjir u theddid fil-konfront tagħha u tal-familjari tagħha. Dan it-theddid, abbinat mat-theddid mertu tat-tieni rapport li hija għamlet fil-konfront tal-appellant fit-30 ta' Novembru 2022, wara li l-appellant kien ukoll heddidha diversi drabi bil-mewt, nissel biża' kbira fil-*parte civile* li kienet se tintuża vjolenza mill-appellant kemm fil-konfront tagħha, kif ukoll fil-konfront ta' wliedha.

7. Jirriżulta in oltre mill-atti proċesswali illi fit-30 ta' Novembru 2022, il-*parte civile* għamlet rapport fil-konfront tal-appellant stante illi ta' kuljum kien iċemplilha sabiex tagħtih il-flus biex ikun jista' jixtri d-droga, kien jheddidha anke li se joqtolha u jinsulentaha. Qalet ukoll illi hija kienet twieġeb it-telefonati tiegħu għaliex inkella ma jieqafx iċempel.

8. Għalkemm inħareġ mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-appellant fit-8 ta' Diċembru 2022, dan baqa' ma nstabx, sakemm l-istess appellant eventwalment ġie arrestat in konnessjoni maż-żewġ rapporti li għamlet il-*parte civile* u ttieħdu l-proċeduri kriminali odjerni fil-konfront tiegħu.

9. Illi **l-ewwel aggravju** tal-appellant jittratta l-inammissibilita` u n-nuqqas tal-valur probatorju tar-*recordings* tat-telefonati li esebiet l-Ispettur Sherona Buhagiar fil-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti, immarkati bħala Dok. SB1[1] u li sussegwentement ġew traskritti u esebiti bħala Dok. NZ2, NZ3 u NZ4[2]. In kwantu l-valur probatorju, l-appellant jilmenta illi l-*mobile phone* tal-*parte civile* fl-ebda punt ma ġie esebit sabiex jiġi assikurat illi t-telefonati jew ir-*recordings* huma awtentiċi u ma ġewx kontaminati. Għalhekk, skont l-appellant, ma jistax jiġi traċċat l-*iter*

---

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Sherona Buhagiar, a fol. 65 *et seq* tal-atti proċesswali.
[2] Ara a fol. 147 *et seq* tal-proċess.

tagħhom mill-mument li dawn saru, ġew fil-pussess tal-*parte civile* u għaddew fil-pussess tal-Prosekuzzjoni u lanqas ma jista' jiġi determinat kif saret l-estrazzjoni ta' dawn it-telefonati jew tar-*recordings* tagħhom. Skont hu, għalhekk, il-prova tramite l-istess reġistrazzjonijiet, hija monka. Jilmenta wkoll l-appellant illi dawn ir-reġistrazzjonijiet huma neqsin mill-partikolaritajiet ta' data, ħin u lok u li għalhekk ma jistax jiġi determinat jekk dawn jikkombaċawx ma' l-informazzjoni esebita mir-rappreżentant tal-Melita plc li xehdet f'dawn il-proċeduri, oltre illi jista' wkoll jagħti l-każ illi l-*parte civile* kienet selettiva fl-għażla tagħha dwar liema *recordings* jiġu esebiti. Għaldaqstant, skont l-appellant, dawn ir-reġistrazzjonijiet m'humiex l-aħjar prova li setgħet iġġib il-Prosekuzzjoni fit-termini tal-Artikolu 560(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (reż applikabbli f'dawn il-proċeduri bis-saħħa tal-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali).

10. Skont l-appellant, in oltre, ir-reġistrazzjonijiet tat-telefonati in kwistjoni saru b'mod illegali, bi ksur tal-Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolamenti Ġenerali tal-Protezzjoni tad-Data (Regolament UE 2016/679) u mingħajr il-kunsens tiegħu u għalhekk oltre illi ġew leżi d-drittijiet tiegħu taħt l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni, dawn ma jistgħux jitressqu bħala prova anke in kwantu jikkostitwixxu *fruits of the poisoned tree*. Għaldaqstant, skont l-appellant tali reġistrazzjonijiet huma inammissibbli bħala prova.

11. Illi l-Qorti tinnota illi dawn il-punti diġa\` ġew sollevati mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti, kif ukoll illi l-ewwel Qorti – korrettement, fil-fehma ta' din il-Qorti - waslet għall-konklużjoni illi r-reġistrazzjonijiet tat-telefonati in kwistjoni huma fl-ewwel lok, prova ammissibbli u fit-tieni lok, huma awtentiċi b'tali mod illi l-ewwel Qorti ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni tal-appellant dwar in-nuqqas tal-valur probatorju tal-istess reġistrazzjonijiet.

12. Illi din il-Qorti sejra tibda billi l-ewwel tindirizza l-punt tad-dritt li jittratta **l-ammissibilita\` o meno** tar-reġistrazzjonijiet telefoniċi li, kif ingħad, il-*parte civile* Lianne Camilleri għaddiet lill-Pulizija bħala prova tat-theddid tal-appellant fil-konfront tagħha.

13. Fir-rigward jingħad minnufih illi d-duttrina magħrufa bħala *the fruit of the poisonous tree doctrine* ma ssibx applikazzjoni fl-ordinament ġuridiku tagħna. Għaldaqstant prova hija ammissibbli indipendentement mill-leġittimita` tal-mezzi li jiġu utilizzati sabiex tinkiseb dik il-prova, u dan sakemm il-produċibilita` tagħha ma jkunx possibbli minħabba *an exclusionary rule of evidence.* Hawnhekk issir referenza għal dak li ngħad dwar dan il-punt mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja** tat-3 ta' Mejju 2000, liema sentenza kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-14 ta' Diċembru 1998:

> Din il-Qorti tirribadixxi illi f'dan il-kamp, il-liġi tagħna ma tistax tiġi ekwiparata ma' liġijiet oħra fejn il-prinċipju huwa divers u fejn il-ġurisprudenza segwiet linji kompletament opposti għal dak nostrani. Tirrepeti in oltre li dik l'hekk imsejħa 'exclusionary rule' li teżisti f'ċerti ġurisdizzjonijiet hija aljena għas-sistema tagħna....Similment, l-appellant qiegħed jissottometti illi 'l-Prosekuzzjoni qed titlob lill-Qorti bħala istituzzjoni legali, li f'dan il-proċess legali, tikser il-liġi u tkun komparteċipi f'dan il-ksur tal-liġi, jew li tissana ksur ta' liġi'. Apparti milli, kif tajjeb osservat, l-Ewwel Onorabbli Qorti, din l-allegazzjoni l-appellant qiegħed jagħmilha mingħajr ma almenu ressaq ħjiel ta' prova jew indikazzjoni ta' prova illi dak li sar, sar illegalment da parti tal-awtorita' tal-pulizija, jiġi osservat illi l-bażi tal-esklużjoni mis-sistema tagħna tal-'exclusionary rule' huwa proprju r-rifjut tas-sistema tagħna illi jallaċja l-valur probatorju u l-ammissibilita' ta' prova mal-mod kif tkun ġiet ottenuta ħlief għal dak li jirrigwarda konfessjonijiet da parti tal-akkużat li huma regolati speċifikatament u differentement mill-Kodiċi. Fuq dan l-aspett legali, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tagħha in re Ir-Repubblika ta' Malta vs Eugenio sive Genio Gaffarena deċiża fid-19 ta' Jannar, 1996.

14. Fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eugenio sive Genio Gaffarena,** fil-fatt, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irriteniet hekk:

> Fis-sistema tagħna dik li hija komunement imsejjħa bħala l-''Exclusionary Rule'' fl-Amerika, għad m'hijiex radikata u r-

regola ġenerali fis-sistema tagħna hija li provi illi jkunu ġew ottenuti b'mod ċensurabbli fuq skala kemm morali kif ukoll possibbilment anke legali, xorta huma ammissibbli.

15. Fis-sentenza tagħha fil-każ ta' **<u>Meinrad Calleja</u>**, il-Qorti Kriminali għamlet referenza għal *Blackstone's Criminal Practice 1991,* fejn b'referenza għall-pożizzjoni Ingliża dwar evidenza miksuba b'mod illegali, ingħad illi r-regola ġenerali hija illi "*evidence obtained unlawfully, improperly or unfairly is admissible as a matter of <u>law</u>*"[3]. Skont l-istess sentenza l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin dejjem kienet illi prova hija ammissibbli minkejja li tinkiseb bi ksur ta' liġi oħra, u dan in linea mar-regola tal-*common law* Ingliża dwar din il-materja. B'relevanza partikolari għall-każ tal-lum, dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliża tal-15 ta' Marzu 1968, fejn intqal illi "*recordings of conversations obtained through telephone tapping by private individuals are admissible in evidence*" (*R. v. Senat and Sin, 52 Crim. App. R. 282*). Fil-liġi Ingliża, prova hija meqjusa ammissibbli, jekk tali prova hija manifestament rilevanti għall-mertu tal-każ. Fir-rigward il-Qorti Kriminali rreferiet għal dak li ntqal minn Lord Chief Justice Goddard fil-każ **<u>Kuruma, son of Kaniu v. The Queen</u>** (1955) AC 197, p. 203:

> "*... ... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the Court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordships' opinion it is plainly right in principle*".

16. Għaldaqstant, anke fejn reġistrazzjoni tiġi meħuda b'mod illeċitu, iżda tkun rilevanti għall-mertu tal-każ, u l-ebda regola ma teskludi l-produċibilita` ta' dik ir-reġistrazzjoni bħala prova fi proċess penali, tali prova għandha titqies li hija ammissibbli.

17. Illi hawnhekk issir referenza wkoll għall-każ fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Clint Cauchi</u>**, deċiż nhar it-30 ta' Marzu 2021, fejn din il-Qorti kif

[3] Hawnhekk il-Qorti Kriminali rreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice*, 1991, paġna 1698, para F.2.6.

diversament preseduta għamlet referenza għal sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Sant** tal-15 ta' Ottubru 2007, f'liema każ il-Qorti, rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn il-Prosekuzzjoni ma tellgħetx jixhed lil min kien għadda *DVD* lill-Pulizija b'dan għalhekk illi ġiet ikkontestata l-ammissiblita` tal-istess *DVD* bħala prova, għamlet distinzjoni bejn l-ammissibilita` ta' dak id-dokument u l-valur probatorju tiegħu, u rabtet l-argument tagħha mal-kwistjoni tar-rilevanza tal-istess dokument:

> Kwistjoni simili kienet ġiet deċiża mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Diċembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Meinrad Calleja u in segwitu kkonfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kolleġjalment komposta. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita' ta' reġistrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefoniċi li allegatament saru bejn l akkużat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-Pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tgħid min irreġistraha u kif dik ir-reġistrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-każ kienet għamlet referenza għall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-każ Kuruma son of Kaniu vs. The Queen fejn a pagna 203 jingħad hekk: "the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."
>
> ../..il-prinċipju jibqa' li t-test huwa dak tar-relevanza: jekk il-filmat jew ritratti jew reġistrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti - jiġifieri mhux manifestament irrelevanti- allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif ingħad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-oħra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tiġi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew reġistrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabbilixxi dik ir-relevanza, il-Qorti tista' tasal għall konklużjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu.

18. Illi fil-każ ta' **<u>David Sant</u>**, il-Qorti kompliet hekk:

> <u>Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument</u>. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l-oġġett, izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk il-valur probatorju. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. (sottolinear ta' din il-Qorti)

19. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, u applikati għall-każ in diżamina, ma jirriżultax illi fil-qafas tal-liġi penali tagħna teżisti xi regola li teskludi l-ammissibilita` ta' reġistrazzjonijiet telefoniċi, anke jekk dawn jiġu miksuba illegalment. L-appellant jilmenta illi t-telefonati ġew irrekordjati mill-*parte civile* mingħajr il-kunsens tiegħu u mbagħad prodotti bħala prova fil-proċeduri penali kontra tiegħu u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Att jimplimenta d-disposizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-

ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*. Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorit qabilha, eżaminat bir-reqqa l-Kapitolu 586 tal-Liġijiet ta' Malta u anke r-Regolament (UE) 2016/679, iżda m'hemm xejn f'dawn l-istrumenti legali li jostakola l-produzzjoni ta' *data* pproċessata llegalment bħala prova fi proċeduri penali jew fi kliem ieħor, xi *exclusionary rule of evidence.*

20. Illi għalhekk, li kieku kellu jirriżulta f'dan il-każ, illi r-reġistrazzjonijiet in kwistjoni ġew miksuba llegalment, dan ma jirrendix tali reġistrazzjonijiet bħala prova inammissibbli f'dawn il-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, fil-każ odjern, u kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, l-appellant ma ressaq l-ebda prova illi r-reġistrazzjoni tat-telefonati tiegħu ma' Lianne Camilleri, da parti tal-istess Camilleri, ġew ottjenuti b'mod illegali. Anzi fir-rigward, mill-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva, jirriżulta illi huwa kien jaf li kien qed jiġi rrekordjat minn Camilleri, meta huwa kien iċemplilha:

| | |
|---|---|
| Uff. Inv: | Mela naħseb li smajna recording ħażina. |
| Susp: | Le smajt tajjeb. Mhux qed ngħidlek le jiena. Għax hi fejn jaqblilha tirrekordja. Smajtni ngħidilha: "Irrekordjani, naf li qed tirrekordjani".[4] |

21. Illi in oltre in kwantu l-ilment tal-appellant illi ġew leżi d-drittijiet tiegħu taħt il-Konvenzjoni Ewropea tramite l-produzzjoni bħala prova tar-reġistrazzjonijiet in kwistjoni, il-Qorti tinnota illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ippronunzjat ruħha diversi drabi fuq il-kwistjoni tal-ammissibilita' fil-proċeduri penali ta' evidenza miksuba llegalment. Fir-rigward, l-ewwel Qorti għamlet referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Schenk v. Switzerland**, deċiża nhar it-12 ta' Lulju 1988, in kwantu f'dik id-deċiżjoni l-Qorti Ewropea ddeċidiet illi prova tista' tkun ammissibbli anke jekk miksuba llegalment "*if this does not render the proceedings unfair*". F'dan il-każ, il-Qorti ddeċidiet illi minkejja li r-reġistrazzjonijiet in kwistjoni kienu ttieħdu b'mod illegali, hija ma setgħetx teskludi "*as a matter of principle and in the abstract that unlawfully obtained evidence of the present kind may be admissible*". Bl-istess mod iddeċidiet il-Qorti

[4] A fol. 109 tal-proċess.

Ewropea fil-każ fl-ismijiet **P.G. and J.H. v. The United Kingdom** deċiż nhar il-25 ta' Settembru 2001, fejn hawnhekk saret ukoll referenza għall-każ fl-ismijiet **Khan v. The United Kingdom**, deċiż nhar l-4 ta' Ottubru 2000, liema deċiżjonijiet ilkoll jittrattaw evidenza, f'forma ta' reġistrazzjoni, meħuda mingħajr il-kunsens tal-akkużat:

> *76. ... While Article 6 guarantees the right to a fair hearing, it does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law (see Schenk v. Switzerland, judgment of 12 July 1988, Series A no. 140, p. 29, §§ 45-46, and, for a more recent example in a different context, Teixeira de Castro v. Portugal, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1462, § 34). It is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence – for example, unlawfully obtained evidence – may be admissible or, indeed, whether the applicant was guilty or not.*
>
> .../....
>
> *77. In Schenk, cited above, in concluding that the use of the unlawfully obtained recording in evidence did not deprive the applicant of a fair trial, the Court noted, first, that the rights of the defence had not been disregarded: the applicant had been given the opportunity, which he took, of challenging the authenticity of the recording and opposing its use, as well as the opportunity of examining Mr Pauty and summoning the police inspector responsible for instigating the recording. The Court further "attache[d] weight to the fact that the recording of the telephone conversation was not the only evidence on which the conviction was based" (ibid., pp. 29-30, § 48). More recently, the Court has applied these principles in Khan (cited above, §§ 34-40) and found that the use at trial of recordings of the applicant's conversations was not contrary to the requirements of Article 6 § 1 notwithstanding that they were obtained in circumstances where the Court had found, under Article 8 of the Convention, that the surveillance measures had not been "in accordance with the law".*

...

...

...

*81. In these circumstances, the Court finds that the use at the applicants' trial of the secretly taped material did not conflict with the requirements of fairness guaranteed by Article 6 § 1 of the Convention.*

22. Illi għaldaqstant m'għandux raġun l-appellant BUTTIGIEG fejn dan jippretendi li r-reġistrazzjonijiet telefoniċi jiġu dikjarati inammissibbli u dan fl-assenza ta' xi liġi li teskludi l-ammissibilita' ta' din il-prova fil-proċeduri penali.

23. Illi in kwantu għal dik il-parti tal-aggravju tal-appellant fis-sens illi r-reġistrazzjonijiet in kwistjoni huma neqsin minn valur probatorju, anke hawn, din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti fir-rigward. Kif ingħad jirriżulta mill-atti proċesswali illi r-*recordings* tat-telefonati bejn l-appellant u l-*parte civile* ġew esebiti f'dawn il-proċeduri mill-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Sherona Buhagiar li tixhed illi l-għada tar-rapport ta' Camilleri fil-konfront tal-appellant, l-istess Camilleri "*provdiet lill-pulizija bi ftit mir-recordings tat-telefonati li kienu qed isiru minn Twanny fejn kont smajthom jien stess u ftit mit-theddid li kien jgħidilha ...*"[5], filwaqt illi xehdet dwar il-kontenut tal-istess reġistrazzjonijiet u sussegwentement, għaddiet sabiex tippreżenta *CD* kontenenti *recordings* ta' tliet telefonati bejn iż-żewġ partijiet bħala Dok. SB1[6]. Dwar dan, fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, fuq mistoqsija tal-Uffiċjal Prosekutur dwar il-mezz li kien juża l-appellant sabiex jheddidha, Lianne Camilleri tgħid illi "*għandi fuq it-telefown għandi recordings li jiena għamilthom fuq pendrive u għaddejthom lilek spettur*"[7] u dan b'referenza għall-Uffiċjal Prosekutur, l-Ispettur Omar Zammit, fil-waqt illi fix-xhieda tagħha tirreferi wkoll għal "*Ħafna kliem u ħafna telefonati li qegħdin*

[5] A fol. 67 tal-proċess.
[6] A fol. 68 tal-proċess.
[7] A fol. 34 tal-proċess.

*għandek spettur*"[8]. In oltre hija xehdet dwar id-diskors li ngħad lilha mill-appellant, liema diskors fil-fatt jinstema' fir-reġistrazzjonijiet in kwistjoni. Mhux biss, iżda Camilleri rabtet dan id-diskors tal-appellant ma' ġrajja u perjodu partikolari, hekk li din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, setgħet tikkonferma illi fil-fatt dak li xehdet dwaru Camilleri huwa korroborat mill-kontenut tal-istess reġistrazzjonijiet. Fix-xhieda tagħha f'dawn il-proċeduri, Camilleri tixhed dwar it-theddid ikrah u l-insulti tal-appellant fil-konfront tagħha u dwar kif dejjem jitlobha l-flus sabiex ikun jista' jixtri d-droga. Ġeneralment dan kien isir permezz ta' telefonati mill-istess appellant, għalkemm ġieli heddidha wkoll fil-waqt illi kienet tkun qed twasslu bil-karozza tagħha u dan anke fil-presenza ta' wliedhom minuri. Tixhed ukoll kif madwar tliet ġimgħat qabel is-16 ta' Marzu 2023, hija marret tiekol ma' ħabib tagħha u b'dan kollu sar jaf l-appellant, bir-riżultat illi fis-16 ta' Marzu 2023, għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (10:30 p.m.), l-appellant ċemplilha u beda jheddidha, u jgħidilha wkoll illi kien se jeħdilha t-tfal. Dawn it-telefonati baqgħu għaddejjin lejl sħiħ u l-imġieba tal-appellant f'dawk il-jiem tant aggravat, inkluż ukoll it-theddid bil-mewt fil-konfront tagħha, illi hija u wliedha sfaw imbeżżgħin u għalhekk fil-ħinijiet bikrija tat-18 ta' Marzu 2023, irrappurtatu lill-Pulizija. Dwar dan, il-Qorti tinnota illi l-kliem tal-appellant kif xehdet dwaru Lianne Camilleri, inkluż il-kliem ta' theddid u l-insulti fil-konfront tagħha, huwa proprju l-kliem li jirriżulta fir-reġistrazzjonijiet tat-telefonati esebiti fl-atti, mil-liema reġistrazzjonijiet fil-fatt jirriżulta wkoll illi l-appellant kien irrabjat lejn Camilleri għaliex huwa kellu f'moħħu illi Camilleri kienet qed tiltaqa' ma' raġel ieħor li kien pulizija:

VM: Qieghdha ma' pulizija jigifieri?

VF: Ma' pulizija?

VM: Issa nghidlek ... Qieghdha ma haddiehor jigifieri inti? Eh?

...

VM: Mur ghidlu l-pulizija ha jigi

[8] A fol. 36 tal-proċess.

...

VM: ... Ja qahba. Mur gibli lit-tfal ghax zewg tiri ha ntik ... Qed tismaghni?

...

VM: B'Bugia rawk ghandna r-ritratti Leanne. Wiehed ohxon dan... Gib lit-tfal qed nghidlek Lee, Lee wiehed ghandek cans gib lit-tfal.

...

VM: Qed nghidlek Lee laqqghani mieghu halli bhal m ghamilt show lili naghmel show lilek ...

...

VM: Iva jew le? Iva jew le?

...

VM: Li qieghdha mieghu. Iva jew le?

VF: m inhiex qieghda mieghu dak habib tieghi kien u darba ltqajt mieghu.

...

...

VM: Il-qahba kemm ha ntik u lit-tfal ha nehodhomlok ja liba qahba. Ser nghidilhom kollox x'ghamiltli.

VF: U jiena wahdi qieghda Twan hi.

...

...

VM: Wiccek intajjarulek bhal m ghamel dak. Jien g'ghoxxok indahhalielek il-kanna. Ta jien ilni nxommha. Stennejtha minn ghandek[9]

....

VM: Bicciet ha ncartek. Ghadek qas taf il-kanna go ghoxxok u jekk ma nahlihomx obzoqli fuq wicc ir-Redentur ta'...

...

VM: Issa nghidlek min hu Twanny lilek ta' issa nghidlek min hu Twanny. Jien ghandi n-nies isegwuk. Gibli lit-tfal ghax inkellha l-kanna go ghoxxok nahliha Leanne qed navzak. Thallinix naghmel murder. Ghada gibli t-tfal bil-kelma t-tajba ...

...

VM: Issa nghidlek jiena. Caw ghada fis-saghtejn inkun qed nistenniek ghax nahxilek l-ommok u lil missierek f'daqqa. Fhimt hux?[10]

...

VM: It-tfal la inti mhu ser tgawdihom u lanqas jien. Jien lest li ha noqtlok haqq .. biex nurik kemm jiena ala bieb zobbi. Issa iktar m ghandix x'nitlef...[11]

...

VM: Jew ghidt lilu jtik €20 bhal ma taghmel. Issa jiehdok tiekol ta'. Tini €20 Lee.

VF: Mela l-ewwel theddidni li ha toqtolni u mbaghad tippretendi li nigi hdejk intik €20.

---

[9] Telefonata numru wieħed, a fol. 149 sa 151 tal-proċess.
[10] A fol. 152 sa 154 tal-proċess.
[11] Telefonata numru tnejn, a fol. 157 *et seq* tal-proċess.

VM: Ija, Ija. Issa nghidlek jien lilek ja qahba li int. Issa nghidlek jien lilek ta. X'ma nbarrikx liba ilek teqlibhieli u jien ilni naf. Issa nghidlek jien. Mhux ha nsawwtek serrah mohhok lit-tfal ha nehodlok biss. Serrah rasek. It-tfal ghal mieghi. Insihom u ghid: "Jien ghada hajja differenti ha tkun." Minghajrhom ta' gbin. Talli ressaqthom u raqqadthom lit-tfal.

...

VM: ...tohqob u jien hekk ha nghidilhom. Ha nghidilhom: "Dik tohqob hi" biex ma twahhalx fija u fuqi ha nitfaghha li taghmel hekk. Gibli €20 Lee. Gibli €20. Isma minni ghax

VF: Mhux ha nersaq lejk Twan hi all right mhux ha nersaq lejk.

...

VM: Issa nghidlek jien ta u ikrah. ... ghandek ghazla issa. Inti tara lilu u jiena niehu lit-tfal...

...

VM: U dan mal-mara qieghed ukoll u ngelldu minn mal-mara ghax kollox naf x'taghmel qieghda int. L-inkwiet li ha naqlaghlek ta...

...

VM: Anke jekk hrigtu ta' hbieb mieghu kont xorta.

...

VM: Qed nistennik jekk mhux ha ggibli 20 ha tarani wara l-bieb. Tajjeb?

...

VF: Ma rridx nigi Twan ghax nibza minnek all right.

...

VM: U jien mat-tfal u l-flus, mur gibli lit-tfal u l-flus.

...

VM: Inkellmu u nghidlu: "Lejn it-tfal tharislix u oqghod ilghab minn warajja purcinell." Dan illum jew ghada rrid inkellmu. L-ommok irrid inkellimha. ... Inti rabbi lit-tifla u jien nrabbi liz-zghar ok, tajjeb issa qed nistenniek iggibli 20 u ghada nitkellmu sew fuq it-tfal.

...

VM: Ha nistenniek. Iddumx. Thallinix nigi jien hdejk. Caw.[12]

24. Illi l-kliem u l-aġir tal-appellant li xehdet dwaru Lianne Camilleri quddiem l-ewwel Qorti jirriżulta illi huwa proprju l-kliem li jinstema' fir-reġistrazzjonijiet in kwistjoni, ftit mil-liema kliem ġie appena ċitat. In oltre jirriżulta wkoll illi dan kien proprju l-kliem illi xehdet dwaru l-Ispettur Sherona Buhagiar, bħala l-kliem illi hija semgħet fuq ir-reġistrazzjonijiet provduti lill-Pulizija minn Camilleri u li skont Camilleri, kienu reġistrazzjonijiet tat-telefonati li saru lilha mill-appellant.[13] In oltre minkejja li l-appellant jilmenta illi dawn ir-reġistrazzjonijiet huma nieqsa minn kull indikazzjoni ta' data u ħin, ir-reġistrazzjonijiet jindikaw illi dawn saru min-numru 99682001 fis-16 ta' Marzu 2023, fid-21.22hrs, fid-21.35hrs u fl-21.47hrs[14]. Din l-informazzjoni tikkombaċja proprju mal-*call profile* ippreżentat minn Dr. Stephanie Mifsud in rappreżentanza tas-soċjeta` Melita Limited ossia illi nhar is-16 ta' Marzu 2023 saru *inter alia* tlett telefonati min-numru 99682001 [15] lin-numru tal-*parte civile* 99245636 fid-21.22hrs, fid-21.35hrs u fl-21.47hrs.[16]

[12] Telefonata numru tlieta, a fol. 162 *et seq* tal-proċess.
[13] Ara x-xhieda tal-Ispettur Sherona Buhagiar a fol. 67 tal-proċess.
[14] Ara Dok. SB1, a fol. 69 tal-proċess
[15] Skont il-*parte civile*, dan huwa fil-fatt in-numru ta' ħabib tal-appellant, ċertu Kevin magħruf bħala 'l-Lembut', li min-numru tiegħu kien ġieli jċemplilha l-appellant (ara a fol. 42 tal-proċess).
[16] Ara x-xhieda a fol. 185 *et seq* tal-proċess u parti minn Dok. SM1, a fol. 191 tal-proċess.

25. Illi in oltre fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija nhar id-19 ta’ Marzu 2023, l-appellant fl-ebda waqt ma ċaħad illi kien proprju huwa l-persuna li jinstema’ fuq dawn ir-reġistrazzjonijiet, lanqas li qal id-diskors irrappurtat. Anzi huwa jikkonferma li kien jaf li l-eks sieħba tiegħu kienet tirreġistrah, li kien iċemplilha diversi drabi u jipprova jiġġustifika t-telefonati u d-diskors li ntqal minnu:

| | |
|---|---|
| Uff. Inv: | Inti gejt arrestat il-bierah minhabba rapport li ghamlet Leanne Camilleri. |
| Susp: | Il-bierah vera bdejt incemplilha.[17] |

....

| | |
|---|---|
| Uff. Inv: | ... F’recording minnhom bdejt issemilha inti tajjeb qed tinharaq jekk mhux qieghdha ma’ pulizija jew le. Qisek ghandek xi haga kontrina l-Pulizija. |

...

| | |
|---|---|
| Uff. Inv: | Iva imma l-pulizija x’ghandu x’jaqsam? |
| Uff. Inv: | Mela nahseb li smajna recording hazina. |
| Susp: | Le smajt tajjeb. Mhux qed nghidlek le jiena. Ghax hi fejn jaqblilha tirrekordja. Smajtni nghidilha: “Irrekordjani, naf li qed tirrekordjani.” |
| Uff. Inv: | Smajtek tghidilha: “Min tridu jigbrok lilek, kemm hu ikrah u kemm hu ohxon,” fil-verita ma nafx kif jinteressak la m ghadekx maghha hames snin din mhux ha titfaghha go bozza all right u din m ghadhiex pupazz tieghek. Jigifieri tista tkun ma’ wiehed ohxon, wiehed ikrah ... |
| Susp: | Imma lit-tfal ma ccahhadnix minnhom. Ghax it-tfal kienet qed tuzahom u ma ggibx skuza bihom.[18] |

[17] A fol. 104.
[18] A fol. 108 sa 110 tal-proċess.

...

Uff. Inv: ... Per ezempju tlett ijiem ilu fis-16 ta' Marzu qbadt theddidha. Veru jew le? Smajt ir-recording jigifieri ha nghidlek x'ghidt. Ezempju ... "Ja qahba, l-qahba kemm ser intik, it-tfal ser nehodhomlok, thallinix nitla ghax wiccek intajjarlek kif ghamel dak." 'Dak' ghal min qed tghid?

Susp: Hi taf.

Uff Inv: Le dak il-kliem inti ghidtu mhux hi. Inti ghidtilha: "Thallinix nitla ghax wiccek intajjarlek kif ghamel dak."

Susp: Dik kull m ghidtilha.

Uff. Inv: 'Dak' ghal min qed tghid?

Susp: Jien naf.

Uff. Inv: Ok ma tafx. "Jien indahhallek il-kanna, ncartek u bicciet ha ncartek." Paroli iktar fil-vojt.

Susp: M intix tinduna li f'rabja kont jien. Jien mugugh go qalbi ta.

Uff. Inv: Twanny mugugh imma b'dan ser isolvi xi haga?

Susp: Naf li mhux ser insolvi.[19]

...

Susp: Dak il-bierah fqajtilha l-mobile ncemplilha dak ghax kellha ggibhomli, ghidtilha biex iggibli s-surround ghax qed mhux tuzah ...[20]

...

Uff. Inv: Tista tifhem il-fatt li din qed toqghod iccemplilha inti u minflok tistaqsiha ghat tfal qed toqghod tistaqsiha fejn

[19] A fol. 116 u 117 tal-proċess.
[20] A fol. 118 tal-proċess.

qieghda u ma' min qieghda u li qed tiffastidjaha lilha. Tifhimha din il-haga?

Susp: Biex nara ghalfejn qed iggibli l-iskuzi.[21]

...

Uff. Inv: Qed naqblu li l-agir tieghek ismghani qed naqblu li meta tkun irrabbjat l-agir tieghek qed ibezzaghha lilha u zejjed.

Susp: Vera jien kont naqra rrabbjat dan l-ahhar

Uff. Inv: Dan l-ahhar ilek minn Novembru zgur hekk.

Susp: Imma l-affarijiet hafna ha jinbidlu. Hafna ha jinbidlu.

...

Uff. Inv: ... ghal liem raguni ma nafx kemm il-telefonata ghamiltilha u bdejt tghidilha biex tlaqqghak mieghu. X'kont ha taghmel mieghu dan?

Uff. Inv: Hekk bdejt tghidilha ghax smajtek jien.

Susp: Ghax din toqghod tghid l-affarijiet personali tieghi mieghu.[22]

...

Uff. Inv: X'tort ghandha hi Twan ghax inti ghidtli li t-tnejn ghandkom tort. It-tort tieghek x'inhu?

Susp: It-tnejn ghandna tort. Jien zbaljajt ghax forsi kont nheddha.[23]

...

[21] A fol. 120 tal-proċess.
[22] A fol. 134 u 135 tal-proċess.
[23] A fol. 136 tal-proċess.

Uff. Inv: Is-sitwazzjoni li qieghed quddiemi llum kif qed narak jien b'ghajnejja tajjeb kieku ghandi uliedi jiena ma nkunx irrid narahom. Mela hu l-kura li hemm bzonn u lil uliedek tarahom. Bit-theddid, bil-paroli fil-vojt

Susp: Hemmhekk zbaljajt.

Uff. Inv: Tajjeb, bit-theddid, bil-paroli fil-vojt u billi toqghod issaqsiha fejn qieghdha u ma' min qieghdha u sebah u dalam mhux ha tara lil uliedek sew inti.

Susp: Hemmhekk forsi zbaljajt veru.

Uff. Inv: Almenu ifhem din il-haga.

Susp: Inhraqt ghax meta qaltli 'nitkellem fuqek' x'jigifieri titkellem fuqi.[24]

26. Illi għalhekk, għad illi baqa' ma ġiex esebit fil-proċeduri odjerni l-*mobile phone* tal-*parte civile*, u għad ukoll illi hija ma tixhidx fir-rigward ta' kif saru dawn ir-reġistrazzjonijiet, kif eventwalment saret l-estrazzjoni u kif sar it-trasferiment tagħhom għal ġewwa l-*pendrive* illi hija għaddiet lill-Pulizija, fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet illi kienet sodisfatta fil-grad rikjest mil-liġi, illi r-reġistrazzjonijiet tat-telefonati esebiti fl-atti huma awtentiċi u illi ġew reġistrati fil-jum u l-ħin fuqhom indikat. Fil-waqt illi l-appellant jgħid illi l-*parte civile* setgħet kienet selettiva fl-għażla ta' liema reġistrazzjonijiet jiġu preżentati, kif tajjeb tgħid l-ewwel Qorti, huwa baqa' ma ressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward, u lanqas għamel mistoqsijiet fir-rigward lil Camilleri, minkejja li għamel il-kontro-eżami tagħha, oltre illi kif ingħad l-appellant baqa' ma ċaħadx illi huwa verament qal id-diskors li jinstema' f'dawn ir-reġistrazzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku dan kien minnu, ma jnaqqas xejn mill-awtentiċita` tal-istess reġistrazzjonijiet. Din il-Qorti fil-fatt lanqas m'għandha dubju illi dawn huma *recordings* ta' telefonati li saru bejn l-appellant u l-*parte civile* u illi l-kontenut tagħhom huwa proprju kliem li ngħad mill-istess appellant lill-*parte civile*, b'dan għalhekk illi l-ewwel Qorti korrettement ċaħdet l-eċċezzjoni tal-appellant

[24] A fol. 142 u 143 tal-proċess.

dwar in-nuqqas ta' valur probatorju tal-istess reġistrazzjonijiet u għaddiet sabiex tiddeċiedi l-mertu anke fid-dawl ta' din il-prova.

27. **Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.**

28. Illi permezz tat-**tieni aggravju** tiegħu, l-appellant BUTTIGIEG jilmenta dwar l-apprezzament tal-provi li l-għamlet l-ewwel Qorti u illi fil-fehma tiegħu kien żbaljat.

29. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April 2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[25]

30. Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda u d-dokumenti kollha li jinsabu fl-atti proċesswali u tqis illi fid-dawl tal-provi mressqa quddiemha, l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet

[25] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

għaliha u ssib ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

31. Illi jibda biex jingħad illi Lianne Camilleri tixhed illi l-appellant għandu l-vizzju tad-droga, liema vizzju kienu ilu għaddej snin sħaħ, u illi huwa kien ta' spiss jitlobha l-flus sabiex jissostanzja dan il-vizzju. Fi kliemha, "*bejn sittin (60), tmenin (80), mija u għoxrin (120) kuljum*"[26], b'riżultat ta' liema talbiet hija kienet tispiċċa f'diffikultajiet finanzjarji. Tixhed ukoll illi l-appellant kien jheddidha kemm il-darba kienet tgħidlu li ma kellhiex flus x'tagħtih. Hija tixhed in oltre dwar okkażżjoni li seħħet fis-16 ta' Ottubru 2022, meta minkejja li diġa` kienet tagħtu xi flus matul il-jum, l-appellant mar wara l-bieb tad-dar tagħha fit-3.00 a.m. idoqqilha l-qanpiena, jgħajjarha u jitlobha sabiex tagħtih il-flus u twasslu sabiex jakkwista d-droga. Dakinhar kissrilha l-*windscreen* tal-vettura tagħha. Fi kliemha, "*Jien bżajt dak il-ħin, wassaltu Bormla u erġajt tlajt. Mill-għada mbagħad qisu xejn mhu xejn għax diment li tagħtih il-flus imbagħad hu jikkalma*"[27]. Tixhed in oltre kif fl-20 ta' Novembru 2022, ossia fiż-żmien li nqatlet 'Bernice' – b'referenza ċara għall-mara li allegatament inqatlet minn żewġha f'dawk iż-żminijiet – l-appellant heddidha li se jagħmlilha bħalha u f'okkażżjoni minnhom, fil-presenza ta' binthom minuri qalilha li huwa kien jiddispjaċih għalihom ossia għal uliedhom, stante li kienu se jispiċċaw mingħajr omm. Tixhed ukoll illi mhux l-ewwel darba li hedded ukoll li jagħti żewġ tiri lil binthom ta' għoxrin sena, u għalhekk kienet tibża' mill-appellant u kienet tagħtih il-flus. "*Tgħidli żbaljat tagħtih il-flus, niżbalja nagħtih il-flus, imma jien dejjem ippruvajt illi nipprova nipproteġi lil uliedi ...*"[28]. Skont hi, meta l-appellant ikun irid id-droga ma jirraġunax, u kien jibqa' jitlobha l-flus għad-droga, anke bit-theddid, bir-riżultat li kienet anke tiddejjen sabiex tkun tista' tagħtih il-flus, ġieli anke f'nofs ta' lejl, sabiex iħalliha kwieta. Dan minkejja illi hija kienet tipprova tfiehem lill-appellant illi ma kellhiex flus, illi kienet waqgħet lura fil-ħlas tal-kontijiet u li lanqas kellha biżżejjed flus sabiex tixtri l-ikel lit-tfal għall-iskola. Tixhed ukoll illi l-uniku ntrojtu tagħha huwa mix-xogħol tagħha u illi l-appellant ġieli kien jgħidilha sabiex tqajjem lit-tifla l-kbira, li taħdem, sabiex tmur tiġbed il-flus għalih, jew sabiex tiddejjen mingħand oħtu jew mingħand missieru.

[26] A fol. 32 tal-proċess.
[27] A fol. 33 tal-proċess.
[28] A fol. 33 tal-proċess.

32. Tixhed ukoll illi l-problema kompliet taggrava bl-inċident tas-16 ta' Marzu 2023, wara li l-appellant sar jaf illi marret tiekol ma' raġel ieħor, u daħħalha f'moħħu li din kellha relazzjoni miegħu, minkejja illi r-relazzjoni tagħhom kienet ilha li ntemmet ħames snin. Minn hawn l-appellant beda jċempel lill-*parte civile* u jheddidha b'ħajjitha, l-għada ltaqgħet miegħu għand oħtu sabiex jara lit-tfal u hemmhekk ħebb għaliha tliet darbiet, reġa' talabha l-flus darbtejn oħra u kellha tagħtih il-flus. Fil-lejl ta' bejn is-17 ta' Marzu 2023 u t-18 ta' Marzu 2023, kompla jitlobha l-flus, u mar għandha darbtejn, jallega li kienet qegħda ma' xi rġiel, bir-riżultat li ċemplet lill-Pulizija li madankollu ma sabuhx kull darba li marru ħdejn id-dar tal-*parte civile*. Tixhed in oltre illi ċemplilha fil-5:00 a.m. irrabjat għaliex la kienet tagħtu flus u lanqas wasslitu lura, u talabha twasslu ġewwa ċ-Ċentru tad-*Detox*, iżda hija rrifjutat stante li kienet imbeżża' mit-theddid tiegħu – theddid bil-mewt fil-konfront tagħha u theddid fil-konfront tal-ġenituri tagħha - għal-liema huwa weġibha li kien sejjer għaliha. Kien hawn li qabdet lit-tfal u marret lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabiex tagħmel rapport fil-konfront tal-appellant. Tixhed illi f'dak il-lejl anke wliedha kienu mwerwrin u għamlu lejl imqajmin magħha.

33. Illi m'hemmx dubju illi x-xhieda ta' Camilleri hija korroborata mir-reġistrazzjonijiet tat-telefonati lilha da parti tal-appellant, f'liema reġistrazzjonijiet jinstemgħu kemm it-theddid ikrah u l-insulti tal-appellant fil-konfront tagħha, kif ukoll l-istess appellant jitlobha l-flus, proprju kif tgħid fix-xhieda tagħha.

34. Illi in oltre x-xhieda ta' Camilleri hija korroborata wkoll mix-xhieda ta' bint il-partijiet, Sheylen Camilleri, li tixhed illi l-appellant telaq mid-dar f'Ottubru tas-sena 2018, jiġifieri kważi ħames snin qabel, kif ukoll illi missierha kellu l-vizzju tad-droga. Fir-rigward, hija tixhed kif meta l-appellant ma kienx ikollu flus biżżejjed għad-droga, huwa kien imur id-dar bin-nervi u kienu jeħlu huma miegħu u illi kien hemm okkażżjonijiet, anke fil-presenza tagħha, fejn huwa kien jitlob il-flus lil ommha u illi kienet anke tisimgħu jhedded lil ommha bil-mewt.

35. L-istess Sheylen Camilleri tixhed ukoll in kwantu għall-episodji riċenti, illi hija kienet tara kif ommha kienet tkun imbeżża' u mdejqa minħabba l-

appellant u illi ommha kienet tavżaha sabiex ma tmurx id-dar mix-xogħol, stante illi kienet taħdem fil-ħinijiet ta' bil-lejl, u dan biex ma tinzertax lill-appellant wara l-bieb tad-dar. Tixhed in oltre illi missierha kien imur quddiem id-dar ta' ommha sabiex jitlobha l-flus f'nofs ta' lejl u illi kien hemm okkażżjoni li fiha kisser il-*windscreen* tal-karozza ta' ommha – hija ma kinitx preżenti f'dawn l-okkażżjonijiet, iżda dan tafu għaliex qalitulha ommha. Tixhed ukoll in kontro-eżami, illi ommha baqgħet tkellem lill-appellant għaliex kienet imbeżżja' mit-theddid tiegħu: "*jekk ikollok lil xi hadd li qed jheddek li ha joqtol lil familtek ma nemminx li ha tieqaf*".[29]

36. Illi fir-rigward ta' din ix-xhieda, il-Qorti tinnota illi mhux kull ma xehdet dwaru bint il-partijiet huwa fil-fatt xhieda fuq kliem ħaddieħor għaliex ċerti episodji fil-passat esperjenzanthom hi wkoll, apparti illi hija stess kienet tara b'għajnejha illi ommha tassew kienet imbeżżja' mill-appellant. Fi kwalunkwe każ, madankollu, in kwantu dawk il-partijiet tax-xhieda tagħha li hija xehdet fuq kliem ommha, bħall-ewwel Qorti qabilha, tirrileva illi r-regola li tipprojbixxi l-*hearsay evidence* fl-ordinament ġuridiku tagħna m'hijiex assoluta, iżda tippermetti diversi eċċezzjonijiet, u dan fit-termini tal-Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kif reż applikabbli għal proċeduri kriminali bis-saħħa tal-Artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-Artikoli 598 u 599 tal-Kapitolu 12 jgħidu hekk:

> 598.(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.
>
> (2) Il-qorti tista', *ex officio,* jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.
>
> 599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess

[29] A fol. 59 tal-proċess.

> kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra ...[30]

37. Illi fir-rigward, fis-sentenza tagħha tal-1 ta' April 2011, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Schembri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kif diversament preseduta qalet hekk dwar *hearsay evidence*:

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il Qorti.

38. Illi din il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Sheylen Camilleri kompliet issaħħaħ il-verzjoni tal-fatti kif irrakkontati mill-*parte civile* hekk kif din mhux biss tixhed dwar fatti direttament magħrufa lilha, liema fatti jikkombaċjaw proprju mal-fatti li xehdet dwarhom il-*parte civile*, iżda tikkorrobora wkoll ix-xhieda tal-istess *parte civile* dwar il-biża' tagħha mill-appellant.

39. Illi fir-rigward issir referenza wkoll għall-istqarrija rilaxxjata mill-appellant lill-Pulizija Eżekuttiva nhar id-19 ta' Marzu 2023, fejn huwa f'iktar minn okkażżjoni waħda jirrikonoxxi u jammetti li kien hedded u ffastidja lil Lianne Camilleri. L-appellant jammetti wkoll li kien ta' spiss jirċievi flejjes mingħandha, u filwaqt li jgħid illi Camilleri kienet taf li huwa kien ikun irid il-flus għad-droga u f'punt minnhom anke jiċħad illi kien hu li jitlobha l-flus, anzi jgħid illi kienet tagħtih il-flus minn jeddha, u li saħansitra kienet tisfurzah sabiex jieħu l-flus, sabiex tagħmih u għaliex kellha x'taħbi, f'punt ieħor, madankollu, huwa jammetti li ġieli talabha l-flus, kif jammetti wkoll illi għandu l-problema tad-droga.

---

[30] Ara fir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta' Mejju 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana,** liema sentenza tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Jannar 1988 fl-ismijiet **Joseph Mary Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-24 ta' Ottubru 2011, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi**.

40. Illi in oltre l-Qorti tinnota wkoll, kif innutat ukoll l-ewwel Qorti qabilha, illi mill-*call profile* tan-numru tal-*mobile phone* tal-*parte civile,* esebit minn Dr. Stephanie Micallef in rappreżentanza tas-soċjeta` Melita Ltd., jirriżulta illi fil-fatt il-*parte civile* kienet tirċievi numru ta' telefonati, tista' tgħid kuljum, min-numru tad-dar tal-ġenituri tal-appellant, min-numru tal-*mobile phone* ta' omm l-appellant, min-numru tad-dar u tal-*mobile phone* ta' oħt l-appellant, u min-numru tal-ħabib tal-istess appellant, kif ukoll illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa jammetti illi kien jagħmel użu mill-*mobile phone* ta' ommu u anke minn dak tal-ħabib tiegħu.[31]

41. Illi in kwantu dan l-aggravju tiegħu, l-appellant jittenta jxejjen il-kredibilita` tal-*parte civile* billi jistaqsi kif persuna li tallega din il-biża' kollha, tibqa' tirrispondi t-telefonati tiegħu u anke ċċempillu lura. Skont l-appellant, li kieku l-*parte civile* verament kienet imbeżżża' minnu, kienet tirrapporta mill-ewwel ġewwa l-Għassa tal-Pulizija. Biss il-Qorti tinnota illi f'dan ir-rigward, il-*parte civile* xehdet illi jekk ma kinitx tirrispondi lill-appellant, huwa iżjed kien jirrabja; verżjoni din illi fil-kuntest tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni, inkluż ix-xhieda tal-istess *parte civile,* il-Qorti tqisha bħala kredibbli. Il-Qorti tinnota in oltre kif il-*parte civile* għamlet rapporti fil-konfront tal-appellant kull darba li l-aġir tiegħu u t-theddid fil-konfront tagħha tant kien jaggrava, li hija kienet tibża' għaliha u għal uliedha u għalhekk kienet tħossha kostretta li tirrapporta lill-istess appellant.

42. Illi l-appellant jilmenta wkoll mill-fatt illi l-*parte civile* tammetti illi hija kienet tagħtih il-flus u anke kienet twasslu sabiex jixtri d-droga. Anke f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi l-*parte civile* dan kienet tagħmlu sforz it-theddid tal-appellant u sabiex tipproteġi lil uliedha, b'mod partikolari lil bintha l-kbira Sheylen. Fi kliemha stess, u b'referenza għall-inċident tas-16 ta' Ottubru 2022:

> Ix-xhud: ... Ġie mal-lejl idoqqli l-qanpiena u jien ma smajtux mill-ewwel għax kont rieqda, kienu t-tlieta ta' filgħodu, u kif inżilt, kif ftaħt l-intercom u bdejt nisma' ħafna għajjat u tisbit u qalli "inżil issa wassalni" u beda jgħajjarni ...

[31] A fol. 126 tal-proċess.

Pros: Jgħajrek x'qallek jgħajrek?

Ix-xhud: Beda jgħajjarni "Qaħba, inti kornuta tiegħi. Ejja wassalni, irrid tletin ewro (€30)". Qalli "Ara x'għamiltlek fil-karozza" u nsib il-karozza li kissirli l-windscreen. Jien bżajt dak il-ħin, wassaltu Bormla u erġajt tlajt. Mill-għada mbagħad qisu xejn mhu xejn għax dment li tagħtih il-flus imbagħad hu jikkalma. F'Novembru, fl-għoxrin (20) ta' Novembru erġajna kien dak iż-żmien li nqatlek miskina Bernice u erġajna bdejna bit-theddid "Nagħmillek bħalha, dik kien ħaqqha, għax dik kellu raġun żewġha għax intom tipprovokaw u mbagħad ħafna vittmi" u dawn l-affarijiet. Li darba minnhom kont fil-karozza mat-tifla ż-żgħira ta' għaxar (10) snin ...

...

Ix-xhud: ... Dar lejha u qalli "jien għal dawn jiddispjaċini ara, għax minħabba fik se jispiċċaw mingħajr omm". Ikun hemm il-biża'. Tgħidli żbaljat tagħtih il-flus, niżbalja nagħtih il-flus, imma jien dejjem ippruvajt illi nipprova nipproteġi lil uliedi għax ġieli anke ... mhux għal darba, tnejn, anke f'saħna ta' demm heddidli t-tifla l-kbira Chaylene Camilleri li għandha għoxrin (20) sena illi jagħtiha żewġ tiri ...[32]

43. Illi l-Qorti tqis illi huwa f'dan l-isfond illi wieħed irid jara u jqis l-azzjonijiet tal-*parte civile* li kienet kostretta li tagħti l-flus lill-appellant sabiex jakkwista d-droga u dan għaliex kienet tibża' minnu u sabiex iħalliha kwieta: "*Nirrispondih kważi dejjem. Nipprova nirrispondih kważi dejjem għax ngħid iktar ... jekk sejra ma nirrispondihx dan iktar se jirrabja. Ħeqq x'tagħmel? Jekk ikolli xi ħaġa tal-flus immur nagħtihielu u joqgħod kwiet hu u jħallini ngħix kwieta*".[33]

[32] A fol. 33 tal-proċess.
[33] A fol. 41 tal-proċess.

44. Illi għaldaqstant din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti fejn din tgħid illi:

> 27. Mill-provi prodotti jirrizulta ċar li l-imputat kien juza' vjolenza psikologika fil-konfront ta' Camilleri biex tatih il-flus sabiex ikun jista' jixtri d-droga. Hi kienet tobdih, ghax jekk ma tagħmilx hekk jinfexx f'hafna theddid fil-konfront taghha u ta' uliedha, specjalment fil-konfront ta' Sheylen, li kien johloq biza' f'dawn il-persuni. In oltre jirrizulta car, li dan l-agir kien ilu sejjer mhux biss fiz-zmien indikat fic-citazzjoni, imma ghal snin shah.[34]

45. Illi din il-Qorti tqis illi fid-dawl tas-suespost, l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-appellant fil-grad li trid il-liġi u għalhekk issib ħtija fl-istess appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

46. Illi għalhekk magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti **qed tiċħad it-tieni aggravju tal-appellant.**

47. Illi t-**tielet** u **r-raba' aggravji tal-appellant** se jiġu mistħarrġa flimkien.

48. Illi permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant isostni illi huwa konxju li għandu l-vizzju tad-droga u illi llum jagħraf illi jeħtieġ li jibdel ħajtu. Iżid jgħid illi huwa lest li jidħol fi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, u illi għalkemm għadu ma bediex dan il-programm, huwa għamel żmien li fih kien qed jiġi segwit minn diversi professjonisti bil-għan illi jindirizza din il-problema, u illi ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin, huwa segwa l-istruzzjonijiet mogħtija lilu sabiex jibdel ħajtu u jżomm 'il bogħod mill-vizzju. Skont l-istess appellant, huwa kien qed jiġi segwit minn Uffiċjal tal-*Probation* u anke *Care Plan Coordinator,* li fir-rapport tagħha ddikjarat illi l-appellant għamel progress. Għaldaqstant, huwa jsostni illi għandu jingħata l-opportunita` illi jirriforma ruħu u kemm il-darba tinstab ħtija, il-Qorti tkun klementi, b'dan għalhekk illi l-piena ma tkunx waħda karċerarja, iżda waħda ta' trattament.

[34] A fol. 241 tal-proċess.

49. Illi permezz tar-raba' aggravju, imbagħad, l-appellant jagħmel referenza ampja għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar l-aspett riformattiv tal-piena u jsostni illi huwa għandi jingħata l-għajnuna sabiex jirriforma, u illi jkun hemm temperament fil-piena billi jingħata l-aħħar opportunita` għal dan il-għan. Skont l-appellant, l-ambjent tal-ħabs m'huwiex dak ġust sabiex wieħed jegħleb il-vizzju tad-droga. Isostni wkoll l-appellant illi l-piena qatt m'għandha sservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun ġarrbet il-vittma.

50. Illi jibda biex jingħad illi fis-sentenza tagħha tal-24 ta' April 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina** il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> ... din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**" deciza fl-14 ta' Gunju, 1999 fejn din il-Qorti kienet qalet illi:-
>
> *"Mhux normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt"*

Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005 fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Bilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004* dwar din il-materja, filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede superjuri kif ukoll f'dik inferjuri:

> "***The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with***

***the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.***"[35]

51. Illi fil-każ odjern, mis-sentenza appellata jirriżulta illi, għal fini ta' piena, l-ewwel Qorti ħadet in kunsiderazzjoni illi l-fedina penali tal-appellant hija waħda refrattarja, kif ukoll illi mill-istess fedina penali jirriżulta illi l-istess appellant ingħata diversi opportunitajiet mill-Qrati, iżda ġie kkundannat ukoll għal piena ta' sentejn priġunerija in konnessjoni *inter alia* ma' serq aggravat u ħsara volontarja. In oltre l-ewwel Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Lianne Camilleri, fis-sens illi l-appellant dejjem irrifjuta li jagħmel programm residenzjali sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga, u li dan ġie kkonfermat ukoll mill-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina li, matul il-proċeduri odjerni, segwiet lill-appellant fuq Ordni Temporanja ta' Superviżjoni.[36] Minn verifiki li għamlet l-Uffiċjal tal-*Probation* mal-Aġenzija Caritas, irriżulta li l-appellant ma kienx konsistenti fil-kuntatt ma' din l-Aġenzija qabel beda jinżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mal-każ odjern.[37] L-ewwel Qorti qieset ukoll kif minkejja li l-appellant, allura imputat, sostna illi huwa kien lest li jibda programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, fir-rapport tagħha tat-18 ta' Awwissu 2023, l-Uffiċjal tal-*Probation* qalet illi f'laqgħa li hija kellha mal-appellant fit-3 ta' Lulju 2023, dan deher persistenti fl-intenzjoni tiegħu li ma jsegwix programm residenzajali ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Anzi huwa sostna diversi drabi li kien konvint illi ma kienx se jagħmel iżjed użu mid-droga u illi ma kienx hemm bżonn illi jagħmel programm. Huwa baqa' jinsisti li fil-komunita` kien lest li jżomm

[35] Page 1695, para. D23.45
[36] Ara a fol. 178 tal-proċess.
[37] Ara a fol. 84 tal-proċess.

kuntatt mal-*keyworker* mill-Aġenzija Caritas. Kien għalhekk illi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi kienet konvinta illi l-appellant ma kienx kapaċi jindirizza l-problema akuta tad-droga, jekk dan ma jseħħx fl-ambjent konfinat tal-ħabs, fejn seta' jiżufruwixxi mill-għajnuna mogħtija lilu sabiex jegħleb il-vizzju. Finalment, dik il-Qorti qieset illi ma kellhiex timponi kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-appellant jiġi ordnat isegwi programm residenzjali, għaliex *semmai* din kienet triq li kellu jagħżilha l-appellant b'mod volontarju u determinat.

52. Illi din il-Qorti tqis illi minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata, is-sitwazzjoni tal-appellant qajla nbidlet. Dan qed jingħad fid-dawl tax-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Svetlana Bezzina Giannoukos quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2023.[38] Minkejja li ġewwa l-Faċilita` Korrettiva l-appellant dejjem irriżulta fin-negattiv għal teħid ta' sustanzi lleċiti, għajr għal meta kien għadu kif daħal il-ħabs taħt arrest f'Marzu 2023, u rnexxielu jaqta' l-kura tal-*methadone* kompletament, il-Qorti ma tistax ma tqisx illi f'dan l-istadju l-appellant kien miżmum taħt arrest preventiv, u għalhekk f'ambjent ristrett u kkontrollat. Mill-banda l-oħra, minkejja li saż-żmien tal-aħħar xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation*, l-appellant kien ilu miżmum taħt arrest għall-perjodu ta' kważi disa' xhur, huwa baqa' ma rrikonoxxiex il-ħtieġa li jagħmel programm residenzjali sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, u dan minkejja illi l-professjonisti li jsegwuh huma lkoll tal-fehma illi dan huwa neċessarju fid-dawl tal-entita` tal-vizzju tiegħu tad-droga. In oltre l-appellant irrifjuta wkoll illi jsegwi *psycho-educational programme* fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, konsistenti f'seba' sessjonijiet fi grupp.

53. Illi oltre l-kunsiderazzjonijiet *supra,* bħal l-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti tqis illi piena alternattiva għal dik karċerarja m'hijiex piena idonea u dan meta tqis ukoll in-natura tar-reati li tagħhom l-appellant qed jinstab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, oltre illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-liġi. Għaldaqstant din il-Qorti ma tqisx illi għandha tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti meta ġiet biex teroga l-piena, b'dan għalhekk illi **qegħda tiċħad ukoll it-tielet u r-raba' aggravji tal-appellant.**

[38] Ara a fol. 312 *et seq* tal-proċess.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant Twanny BUTTIGIEG u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**